QALA

Ref Nru: 12

Il-minuti tat-tnax-il laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2013, fil-5:30 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tad-disa`, tal-ghaxar u tal-hdax -il laqgha.

2.1 Peress li l-minuti tad-disa`, tal-ghaxar u tal-hdax -il laqgha tqassmu qabel, dawn gie kkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 3 Ghazla ta' l-offerta ghal servizz professjonali ta' Avukat.

3.1 Ghall-offerta ghal servizz professjonali ta' Avukat li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi hames offerti minghand Galea Sciberras Advocates, Dr Renata Formosa, Alexia J. Farrugia Zrinzo, Dr Monica Vella u Dr Mario Scerri & Dr Richard Sladden - (Scerri and Sladden Associaties). Din l-offerta nfethet fil-pubbliku nhar it-Tnejn 7 ta' Jannar 2013 f'nofs in-nhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg u Victor Vella ghall-offerent Dr Monica Vella. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li giet annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja u ddiskuta l-prezzijiet li gew offruti. Il-Kunsill iddiskuta l-offerti ta' Galea Sciberras Advocates, Dr Renato Formosa u Alexia J Farrugia Zrinzo peress li l-prezzijiet huma kwazi fl-istess ilma. Is-Sindku ppropona li ghandha tigi maghzula l-offerta ta' Dr Renata Formosa peress li huwa jhoss li hija Avukata tal-fiducja, il-Vici Sindku ppropona li ghandha tigi maghzula l-offerta ta' Alexia J Farrugia Zrinzo u l-Kunsillieri Jesmond Borg, Victor Grech u Paul Buttigieg qablu mas-Sindku.

QALA

Ghalhekk giet maghzula l-offerta ta' Dr Renata Formosa izda l-Kunsill qabel ukoll li dwar kwistjonijiet ta' l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq, f'Ta' Muxi u f'tal-Marga, jekk il-Kunsill ikollu bzonn servizz ta' Avukat, il-Kunsill jista` jqabbad Avukati ohra tal-fiducja tieghu.

**4 EAFRD mizura 313 - L-ghazla ta' l-offerta ghad-disinjar, pubblikazzjoni u konsenja ta' *audio-visual* u materjal stampat li jippromovu l-*heritage trail* tal-Qala u inkluz *projector system*.**

4.1 Is-Sindku semma li fl-ahhar laqgha ma setghetx tittiehed decizjoni dwar l-ghazla ta' offerta ghad-disinjar, pubblikazzjoni u konsenja ta' *audio-visual* u materjal stampat li jippromovu l-*heritage trail* tal-Qala u inkluz *projector system* peress li ma kienx hemm *quorum* u ghalhekk ghal din il-parti tal-laqgha rega` gie mistieden il-Perit tal-Kunsill Edward Scerri. Is-Sindku Clint Camilleri u l-Vici Sindku Paul Buttigieg regghu iddikjaraw bil-miftuh li huma ghandhom interess pekunjarju f'din l-offerta u ghalhekk it-tnejn li huma irtiraw mill-laqgha. Wara dan il-Perit tal-Kunsill rega` ta spejgazzjoni dwar l-opinjoni tieghu kif ukoll tal-bord dwar liema offerta ghandha tigi maghzula. Dan il-bord iddecida li ghandha tigi maghzula l-offerta ta' V & M Vella Imports Co. Ltd. Il-Kunsillieri prezenti qablu li ghandhom jibqghu fuq id-decizjoni tal-bord u ghalhekk gie deciz li tigi maghzula l-offerta ta' V & M Vella Imports Co. Ltd.

**5 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* ghas-sena finanzjarja Jannar sa Dicembru 2012.**

5.1 Gie trattat r-*Report* u l-*Financial Statements* ghas-sena finanzjarja Jannar – Dicembru 2012 li gew ippreparati mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva r-*Report* u l-*Financial Statements.*

**6 Approvazzjoni tal-*Annual Budget* (l-Estimi tad-dhul u ta' l-infiq) ghas-sena finanzjarja 2013.**

6.1 Intbghatu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri kopji tad-*draft* ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u ta' l-infiq) li s-Segretarja Ezekuttiva ppreparat ghas-sena finanzjarja 2013. Il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Budget* (l-estimi) ghas-sena finanzjarja 2013.

**7 Approvazzjoni tal-*Business Plan* 2013-2015.**

7.1 Intbghatet lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri lista tax-xogholijiet u progetti li behsiebu jaghmel il-Kunsill minn 2013-2015. Gew diskussi x-xogholijiet u progetti li jistghu jsiru f'dawn it-tlett snin li gejjien. Wara dan, il-Kunsill unanimament approva din il-lista.

**8 Xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak ta' Triq Dun Guzepp Vella.**

8.1 Is-Sindku semma li nghata bidu ghax-xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak ta' Triq Dun Guzepp Vella. Huwa ssuggerixxa li meta tkun lesta din it-triq, ghandu jsir *double yellow line* fuq naha minnha kif ukoll isir *one way* peress li hi dejqa, il-Kunsill qabel ma dan. Gie diskuss ukoll li ghandha jsir tabella *no right turn* fejn Triq Dun Guzepp Vella taqghad ma Triq il-Qala. Ghalhekk gie deciz li jsir applikazzjoni ghal dawn il-proposti mat-Transport Malta. Is-Sindku semma li f'isem il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lill-Ministeru ghal Ghawdex ta' qabel ghal bidu tax-xoghlijiet f'din it-Triq kif ukoll il-Ministeru ghal Ghawdex prezenti ghat-tkomplija ta' din l-istess triq.

**9 *Coffee Morning* ghan-nisa u l-anzjani.**

9.1 Is-Sindku semma li ser isir *coffee morning* ghan-nisa u l-anzjani fis-Sala tal-Kommunita` tal-Kunsill, nhar l-Erbgha 3 t'April 2013.

**10 Iffirmar tal-ftehim gdid ghall-gbir ta' skart tal-ippakeggjar mal-Green MT.**

10.1 Is-Sindku semma li ser isir l-iffirmar tal-ftehim gdid ghall-gbir ta' skart tal-ippakeggjar mal-*Green MT.*

**11 *Restructuring* tax-xoghlijiet tal-Kunsill.**

11.1 Is-Sindku semma li ser isir *restructuring* tax-xoghljiiet tal-Kunsill. Huwa semma li r-registru tal-ilmenti ser jinqassam f'zewg registri, ser ikun hemm registru ghall-ilmenti li jikkoncernaw xoghlijiet u registru iehor ghall-ilmenti ohrajn. Huwa semma li ghamel laqgha mal-haddiema kollha assenjati mal-Kunsill u dawk li mhumiex dwar it-tqassim tax-xoghlijiet fuq barra. Huwa ssuggerixxa wkoll li ghandu jsir Kumitat dwar ix-xoghlijiet.

**12 Materji ohra.**

12.1 Is-Sindku semma li huwa gie nformat minn ufficjal fil-Ministeru ghal Ghawdex dwar ix-xoghol ta' *resurfacing* tat-toroq li l-Ministeru ser jaghmel fil-lokalita' peress li ser jinghata fondi mill-Unjoni Ewropea. Dan l-ufficjal issuggerixxa li minflok li ghandu isir xoghol fi Triq Grunju kif originalment kien ser isir, ghandu jsir ix-xoghlijiet fi Triq iz-Zewwieqa. Is-Sindku suggerixxa li ghandu jsir ir-*resurfacing* fi Triq Andar ix-Xaghari flok Triq iz-Zewwieqa peress li Triq iz-Zewwieqa hija kbira. Il-Kunsill iddiskuta li ahjar isir kif kien ser isir jigifieri xoghol ta' *resurfacing* fi Triq Grunju. Is-Sindku semma wkoll li gie nformat li 'l quddiem ser isir parti minn Triq l-Imgarr.

12.2 Is-Sindku semma mill-14 ta' Jannar 2013 l-impjieg ta' l-iskrivan tal-Kunsill Brian Cutajar gie mibdul ghal dak *part-time* minflok *full-time* peress li mhux qed jaghti x-xoghol mistenni minn skrivan.

12.3 Is-Sindku ressaq zewg kontijiet ta' Mallia Property Developments Co. Ltd. ghal xiri ta' materjal li jidher li kien ntuza ghat-tinda kif ukoll ghal *railing* ta' quddiem il-*clubhouse* fi 'Gnien il-Familja'. Il-Kunsill qabel li ghandhom jithallsu dawn il-kontijiet.

12.4 Is-Sindku ppropona li nhar it-30 t'April 2013 ghandu jsir BBQ fi 'Gnien il-Familja' fl-gheluq l-ewwel sena tas-sitt leglislatura tal-Kunsill u li ghandu jkun ghal kulhadd. Huwa semma li l-Ghaqda Briju San Guzepp ser jghinu fl-organizzazzjoni tieghu.

12.5 Is-Sindku semma li *Hondoq by Night* ser isir nhar il-5 ta' Lulju 2013 u li l-Ghaqda Briju San Guzepp ser jghin ukoll fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita`.

12.6 Is-Sindku semma li ser isir laqgha tal-Kumitat tal-*Qala International Folk Festival* dwar il-*festival* ta' din is-sena. Huwa semma li ghal *festival* ta' din is-sena l-Kunsill ser jinghata €4,000 biss taht l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012-2013. Giet trattata ittra b'referenza DLG 5/2009/Pt2 mibghuta mid-Direttur ghall-Gvern Lokali Carmel Abela dwar dan. Huwa semma li ser jaghmel talba lil Ministeru ghal Ghawdex ghall-ghajnuna finanzjarja ghal dan il-*festival*.

12.7 Saru xi applikazzjonijet mill-Kunsill ghal bozoz godda tat-triq fi squq fi Triq il-Belvedere, fi Triq il-Beata Adeodata Pisani, Pjazza San Guzepp, Triq il-Papa Piju IX, Triq ta' Hatar, Triq Santa Marija tal-Qala u Trejqa fi Triq il-Qala.

12.8 Il-Vici Sindku qajjem il-problema tar-*raising main* tad-drenagg f' parti minn Triq il-Kuncizzjoni. Gie deciz li ghandha tintbghat ittra lid-Dipartiment tad-Drenagg bhala *reminder* ghal din il-problema.

12.9 Il-Kunsiller Jesmond Borg semma li hemm bzonn ta' izjed xkaffar fil-librerija pubblika tal-Qala.

12.10 Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li qed ikun hemm id-dewmien ghat-tiswija ta' bozoz tat-triq mill-kuntrattur.

12.11 Il-Kunsillier Paul Buttigieg irrefera ghall-minuti tal-hdax -il laqgha tal-Kunsill, f'progetti ohra, punt numru 5.1 fejn semma li x'hin il-Qala Saints FC ikollhom risposta mill-*Gozo Football Association* u mill-*Malta Football Association* dwar il-fondi *committed,* imbaghad wara isir l-applikazzjoni ghall-*Good Causes Fund*.

12.12 Il-Kunsillier Paul Buttigieg qabel mad-dikjarazzjoni li saret fil-hdax -il laqgha tal-Kunsill f'materji ohra, punt numru 8.1. Il-Vici Sindku ppropona li ghandha tinhareg stqarrija ghall-istampa dwar din id-dikjarazzjoni qabel ma jsir is-smiegh tal-appell li ser tkun fit-2 ta' Mejju 2013. Gie deciz li qabel ma tinhareg l-istqarrija, l-Kunsill kollu ghandu jara l-*wording* taghha.

QALA

12.13 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-13 ta' Awwissu 2012 sal-25 ta' Marzu 2013 minn referenza numru 156/12 sa referenza numru 276/12 u minn referenza numru 01/13 sa referenza numru 59/13.

## 13 Korrispondenza.

13.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

13.2 Ittra mibghuta min Jonathan Attard *Senior Planning Technician* – DNO mill-MEPA, dwar applikazzjoni ghal zvilupp permezz tad-*Development Notification Order, 2007* DN 01079/12 li jikkonsiti fi *embellishement* tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa li giet approvatha. Is-Sindku semma li l-Kunsill kien ssottometta applikazzjoni ghal fondi taht il-*European Agriculture Funds for Rural Development* mizura 410, 413.4 *Landscaping*.

13.3 Kopja tad-decizjoni t'appell numru 759/11 CF mibghut mill-MEPA, dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 2442/10.

13.4 Ittra mibghuta mid-Direttur ghall-Gvern Lokali Carmel Abela dwar *memo 40/2012* – skema ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-Responsabbilta' ta' Librerija Lokali, fejn il-Kunsill gie nformat li ser jinghata l-ammont ta' €162.82 f'ghajnuna ghal-librerija lokali.

13.5 Ittra mibghuta mid-Direttur ghall-Gvern Lokali Carmel Abela dwar *memo 45/2012* – skema ta finanzjament ta' inizjattivi specjali 2013, fejn il-Kunsill gie nformat li ser jinghata l-ammont ta' €7,500 biex isir il-progett dwar il-finalizzazjoni tar-restawr tal-batterija ta' Sant Antnin.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 26 ta' April 2013.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |